

Brussell, 15 ta' Mejju 2020
(OR. en)

8003/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0019(NLE)

SCH-EVAL 47
MIGR 37
COMIX 212

NOTA PUNT "I"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Nru. dok. preċ.:	8002/20
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2019 tar- Repubblika Ċeka dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tar- ritorn - Deċiżjoni li tintuża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni

1. Wara l-adozzjoni mill-Kunsill tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013 li jstabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen, grupp ta' esperti mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni wettaq evalwazzjoni tal-applikazzjoni mir-**Repubblika Ċeka** tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tar-ritorn fl-2019.
2. F'konformità ma' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni imfassla biex tindirizza n-nuqqasijiet identifikati matul l-evalwazzjoni u biex tiżgura li r-**Repubblika Ċeka** tapplika b'mod korrett u effettiv ir-regoli kollha ta' Schengen relatati mar-ritorn.
3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati ma' Schengen (Evalwazzjoni), inkluż is-sħab tal-Kumitat Imħallat in-Norveġja, l-Iżlanda, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein, approva l-proposta għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni fit-13 ta' Mejju 2020.

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mitlub:

- jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta l-abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, kif jinsab fid-dokument 8002/20;
- jiddeċiedi, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill u l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2020/430, li l-Kunsill juża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tiegħu.
